IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2021
COM(2021) 559 final

ANNEXES 1 to 4

ANNESSI

tal-

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

{SEC(2021) 560 final} - {SWD(2021) 631 final} - {SWD(2021) 632 final} - {SWD(2021) 637 final} - {SWD(2021) 638 final}

ANNESS I

Rapportar

Ir-rapport ta' progress imsemmi fl-Artikolu 14(1) tar-Regolament għandu jinkludi mill-inqas l-elementi li ġejjin:

1. l-iffissar tal-miri

   (a) il-projezzjonijiet tal-adozzjoni tal-vetturi għall-31 ta' Diċembru tas-snin 2025, 2030 u 2035 għal:

   – vetturi tat-triq ħfief, separatament għal vetturi elettriċi bil-batterija, vetturi ibridi rikarikabbli, u vetturi li jaħdmu bl-idroġenu;

   – vetturi tat-triq tqal, separatament għal vetturi elettriċi bil-batterija u vetturi li jaħdmu bl-idroġenu;

   (b) il-miri għall-31 ta' Diċembru 2025, 2030 u 2035 għal:

   – l-infrastruttura tal-irriċarġjar bl-elettriku għall-vetturi ħfief: l-għadd ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar u l-output tal-potenza (il-klassifikazzjoni tal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament);

   – l-iżvilupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għall-vetturi ħfief li mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku;

   – l-infrastruttura tal-irriċarġjar bl-elettriku għall-vetturi tqal: l-għadd ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar u l-output tal-potenza;

   – l-iżvilupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għall-vetturi tqal li mhumiex aċċessibbli għall-pubbliku;

   – l-istazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu: l-għadd ta' stazzjonijiet tar-riforniment, il-kapaċità tal-istazzjonijiet tar-riforniment u l-konnettur ipprovdut;

   – l-istazzjonijiet tar-riforniment tal-LNG fit-triq: l-għadd ta' stazzjonijiet tar-riforniment u l-kapaċità tal-istazzjonijiet;

   – il-punt tar-riforniment tal-LNG fil-portijiet marittimi tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv TEN-T inkluż il-post (port) u l-kapaċità għal kull port;

   – il-provvista tal-elettriku mix-xatt fil-portijiet marittimi tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv TEN-T, inkluż il-post eżatt (il-port) u l-kapaċità ta' kull installazzjoni fil-port;

   – il-provvista tal-elettriku mix-xatt fil-portijiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv TEN-T, inkluż il-post (il-port) u l-kapaċità;

   – il-provvista tal-elettriku għall-inġenji tal-ajru stazzjonarji, l-għadd ta' installazzjonijiet għal kull ajruport tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv TEN-T;

   – miri u objettivi nazzjonali oħra li għalihom ma teżisti l-ebda mira nazzjonali obbligatorja tal-UE. Għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fil-portijiet, fl-ajruporti u għat-trasport ferrovjarju, iridu jiġu rrapportati l-post u l-kapaċità/id-daqs tal-installazzjoni;

2. ir-rati ta’ utilizzazzjoni: għall-kategoriji taħt il-punt 1(b), ir-rapportar tal-utilizzazzjoni ta’ dik l-infrastruttura;

3. il-livell ta’ kisba tal-objettivi nazzjonali għall-varar ta’ fjuwils alternattivi fil-modi tat-trasport differenti (bit-triq, bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru);

   – il-livell ta’ kisba tal-miri għall-varar tal-infrastruttura kif imsemmi fil-punt 1(b) għall-modi kollha tat-trasport, b’mod partikolari għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar elettriku, għas-sistema ta’ triq elettrika (jekk applikabbli), għall-istazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu, għall-provvista tal-elettriku mix-xatt fil-portijiet marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni, għall-bunkering tal-LNG fil-portijiet marittimi tan-network ewlieni TEN-T, għal infrastruttura oħra tal-fjuwils alternattivi fil-portijiet, għall-provvista tal-elettriku għall-inġenji tal-ajru stazzjonarji, kif ukoll għall-punti tar-riforniment tal-idroġenu u għall-punti tal-irriċarġjar tal-elettriku għall-ferroviji;

   – għall-punti tal-irriċarġjar, l-ispeċifikar tal-proporzjon tal-infrastruttura pubblika għal dik privata;

   – il-varar tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fin-nodi urbani;

4. il-miżuri legali: informazzjoni dwar miżuri legali, li jistgħu jikkonsistu minn miżuri leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi b’appoġġ għall-bini ta’ infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, bħall-permessi għall-bini, il-permessi għall-parkeġġi, iċ-ċertifikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tan-negozji u konċessjonijiet ta’ stazzjonijiet tal-fjuwil;

5. informazzjoni dwar il-miżuri ta’ politika b’appoġġ għall-implimentazzjoni tal-qafas ta’ politika nazzjonali, inkluż:

   – l-inċentivi diretti għax-xiri ta’ mezzi tat-trasport li jużaw il-fjuwils alternattivi jew għall-bini tal-infrastruttura;

   – id-disponibbiltà ta’ inċentivi tat-taxxa għall-promozzjoni ta’ mezzi tat-trasport li jużaw fjuwils alternattivi u l-infrastruttura rilevanti;

   – l-użu ta’ akkwist pubbliku b’appoġġ għall-fjuwils alternattivi, inkluż l-akkwist konġunt;

   – inċentivi min-naħa tad-domanda li mhumiex ta’ natura finanzjarja: pereżempju aċċess preferenzjali għal żoni ristretti, politika tal-parkeġġ u korsiji ddedikati;

6. l-appoġġ għall-varar u għall-manifattura, inkluż:

   – baġit pubbliku annwali allokat għall-varar tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi, imqassam skont il-fjuwil alternattiv u skont il-mod tat-trasport (bit-triq, bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru);

   – baġit pubbliku annwali allokat għall-appoġġ ta’ impjanti għall-manifattura ta’ teknoloġiji li jużaw fjuwils alternattivi, imqassam skont il-fjuwil alternattiv u skont il-mod tat-trasport.

   – konsiderazzjoni ta’ kwalunkwe ħtieġa partikolari waqt il-fażi inizjali tal-varar ta’ infrastrutturi għall-fjuwils alternattivi.

7. riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (RŻT&D): baġit pubbliku annwali allokat għall-appoġġ tal-fjuwils alternattivi RŻT&D, imqassam skont il-fjuwil u l-oriġini tiegħu, li jiddistingwi bejn forom fossili u rinnovabbli u skont il-mod tat-trasport.

ANNESS II

Speċifikazzjonijiet tekniċi

1. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-provvista tal-elettriku għat-trasport bit-triq

1.1. Punti tal-iċċarġjar b'potenza normali għal vetturi bil-mutur: il-punti tal-iċċarġjar b'potenza normali b'kurrent alternanti (AC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għal finijiet ta' interoperabbiltà, tal-inqas b'sokits jew konnetturi tal-vetturi tat-Tip 2, kif deskritt fl-istandard EN 62196-2:2017.

1.2. Punti tal-irriċarġjar b'potenza qawwija għal vetturi bil-mutur:

– il-punti tal-irriċarġjar b'potenza qawwija b'kurrent alternanti (AC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għal finijiet ta' interoperabbiltà, tal-inqas b'konnetturi tat-Tip 2, kif deskritt fl-istandard EN 62196-2:2017;

– il-punti tal-irriċarġjar b'potenza qawwija b'kurrent dirett (DC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għal finijiet ta' interoperabbiltà, tal-inqas bil-konnetturi tas-sistema tal-iċċarġjar konġunti "Combo 2", kif deskritt fl-istandard EN 62196-3:2014.

1.3. Punti tal-irriċarġjar bla fili għall-vetturi bil-mutur kif speċifikat mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/ […/…] li jissupplimenta d-Direttiva 2014/94 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards għall-punti tal-irriċarġjar għall-vetturi bil-mutur .

1.4. Punti tal-irriċarġjar għall-vetturi bil-mutur tal-kategorija L kif speċifikat mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1745.

1.5. Punti tal-irriċarġjar għal karozzi tal-linja elettriċi kif speċifikat mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/ […/…] li jissupplimenta d-Direttiva 2014/94 UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards għall-punti tal-irriċarġjar bla fili għall-vetturi bil-mutur .

1.6. Speċifikazzjonijiet tekniċi għat-tpartit ta' batteriji għal vetturi bil-mutur.

1.7. Speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-konnettur għall-irriċarġjar tal-vetturi tqal (iċċarġjar DC).

1.8. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-irriċarġjar induttiv statiku bla fili għall-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief.

1.9. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-irriċarġjar induttiv statiku bla fili għal vetturi tqal.

1.10. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-irriċarġjar induttiv dinamiku bla fili għall-vetturi tal-passiġġieri u l-vetturi ħfief.

1.11. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-irriċarġjar induttiv dinamiku għall-vetturi tqal.

1.12. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-irriċarġjar induttiv statiku għall-karozzi tal-linja elettriċi.

1.13. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-irriċarġjar induttiv dinamiku bla fili għall-karozzi tal-linja elettriċi.

1.14. Speċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistema ta' triq elettrika (ERS) għall-provvista tal-enerġija dinamika fl-ajru permezz ta' pantografu għall-vetturi tqal.

1.15. Speċifikazzjonijiet tekniċi għas-sistema ta' triq elettrika (ERS) għall-provvista tal-enerġija dinamika fil-livell tal-art permezz ta' binarji konduttivi għall-karozzi tal-passiġġieri, il-vetturi ħfief u l-vetturi tqal.

1.16. Speċifikazzjonijiet tekniċi għat-tpartit ta' batteriji għall-vetturi tal-kategorija L.

1.17. Jekk ikun fattibbli, speċifikazzjonijiet tekniċi għat-tpartit ta' batteriji għall-karozzi tal-passiġġieri u vetturi ħfief.

1.18. Jekk ikun fattibbli, speċifikazzjonijiet tekniċi għat-tpartit ta' batteriji għall-vetturi tqal.

1.19. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar biex jiġi żgurat l-aċċess għall-utenti b'diżabilità.

2. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-iskambju ta' komunikazzjoni fl-ekosistema tal-irriċarġjar tal-vetturi elettriċi

2.1. Speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-komunikazzjoni bejn il-vetturi elettriċi u l-punt tal-irriċarġjar (komunikazzjoni mill-vettura għall-grilja).

2.2. Speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-komunikazzjoni bejn il-punt tal-irriċarġjar u s-sistema ta' ġestjoni tal-punt tal-irriċarġjar (komunikazzjoni back-end).

2.3. Speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-komunikazzjoni bejn l-operatur tal-punt tal-irriċarġjar, il-fornituri tas-servizzi tal-elettromobbiltà u l-pjattaformi tar-roaming elettroniku.

2.4. Speċifikazzjonijiet tekniċi dwar il-komunikazzjoni bejn l-operatur tal-punt tal-irriċarġjar u l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni.

3. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-provvista tal-idroġenu għat-trasport bit-triq

3.1. Il-punti tar-riforniment tal-idroġenu fil-miftuħ minn fejn jista' jinxtara idroġenu gassuż li jintuża bħala fjuwil abbord vetturi bil-mutur għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ispeċifikazzjoni ISO/TS 20100 għar-riforniment tal-idroġenu gassuż.

3.2. Il-purezza tal-idroġenu distribwit mill-punti tar-riforniment tal-idroġenu għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi inklużi fl-istandard ISO 14687:2019.

3.3. Il-punti tar-riforniment tal-idroġenu għandhom jużaw tagħmir u algoritmi tal-fjuwil li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni ISO 19880-1:2020 għar-Riforniment ta' Idroġenu Gassuż.

3.4. Il-konnetturi għall-vetturi bil-mutur għar-riforniment ta' idroġenu gassuż għandhom jikkonformaw mal-istandard ISO 17268:2020 għat-tagħmir ta' konnessjoni għar-riforniment tal-idroġenu gassuż għall-vetturi bil-mutur.

3.5. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-konnetturi għall-punti tar-riforniment li jiddistribwixxu l-idroġenu gassuż (ikkumpressat) għall-vetturi tqal.

3.6. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-konnetturi għall-punti tar-riforniment li jiddistribwixxu l-idroġenu likwifikat għall-vetturi tqal.

4. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-provvista tal-elettriku għat-trasport marittimu u n-navigazzjoni interna

4.1. Il-provvista tal-elettriku mix-xatt għal vapuri li jbaħħru, inkluż id-disinn, l-installazzjoni u l-ittestjar tas-sistemi, għandhom jikkonformaw mal-

ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-istandard IEC/IEEE 80005-1:2019, għal konnessjonijiet mix-xatt b'vultaġġ għoli u b'vultaġġ baxx rispettivament.

4.2. Il-provvista tal-elettriku mix-xatt għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni għandha tikkonforma mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1745.

4.3. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tal-irriċarġjar tal-batteriji max-xatt għall-bastimenti marittimi, li jkollhom interkonnettività u interoperabbiltà tas-sistema għall-bastimenti marittimi.

4.4. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tal-irriċarġjar tal-batteriji max-xatt għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna, li jkollhom interkonnettività u interoperabbiltà tas-sistema għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna.

4.5. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interfaċċa tal-komunikazzjoni mill-port għall-grilja fis-sistemi tal-provvista awtomatizzata tal-enerġija fuq l-art (OPS) u tal-irriċarġjar tal-batteriji għall-bastimenti marittimi.

4.6. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interfaċċa tal-komunikazzjoni mill-port għall-grilja fis-sistemi tal-provvista awtomatizzata tal-enerġija fuq l-art (OPS) u tal-irriċarġjar tal-batteriji għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna.

4.7. Jekk ikun fattibbli, speċifikazzjonijiet tekniċi għat-tpartit ta' batteriji u għall-irriċarġjar fi stazzjonijiet max-xatt għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna.

5. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-bunkering tal-idroġenu għat-trasport marittimu u n-navigazzjoni interna

5.1. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tar-riforniment u l-bunkering għall-idroġenu gassuż (ikkumpressat) għall-bastimenti marittimi li jaħdmu bl-idroġenu.

5.2. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tar-riforniment u l-bunkering għall-idroġenu gassuż (ikkumpressat) għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna li jaħdmu bl-idroġenu.

6. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-bunkering tal-metanol għat-trasport marittimu u n-navigazzjoni interna

6.1. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tar-riforniment u l-bunkering għall-metanol rinnovabbli għall-bastimenti marittimi li jaħdmu bil-metanol.

6.2. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tar-riforniment u l-bunkering għall-metanol rinnovabbli għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna li jaħdmu bil-metanol.

7. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-bunkering tal-ammonijaka għat-trasport marittimu u n-navigazzjoni interna

7.1. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tar-riforniment u l-bunkering għall-ammonijaka rinnovabbli għall-bastimenti marittimi li jaħdmu bl-ammonijaka.

7.2. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tar-riforniment u l-bunkering għall-ammonijaka rinnovabbli għall-bastimenti tan-navigazzjoni interna li jaħdmu bl-ammonijaka.

8. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tar-riforniment tal-gass naturali

8.1. Il-punti tar-riforniment għall-gass naturali kkompressat (CNG) għall-vetturi bil-mutur għandhom jikkonformaw mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1745.

8.2. Il-konnetturi/reċipjenti tas-CNG għandhom jikkonformaw mar-Regolament tan-NU/KEE Nru. 110 (li jirreferi għall-ISO 14469:2017).

8.3. Il-punti tar-riforniment għal-LNG għall-vetturi bil-mutur għandhom jikkonformaw mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1745.

8.4. Il-punti tar-riforniment għal-LNG għall-bastiment tal-passaġġi fuq l-ilma interni jew vapuri li jbaħħru għandhom jikkonformaw mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1745.

9. Speċifikazzjonijiet tekniċi relatati mat-tikkettar tal-fjuwil

9.1. It-tikketta “Fjuwils - Identifikazzjoni tal-kompatibbiltà tal-vettura - Espressjoni grafika għall-informazzjoni għall-konsumatur” għandha tikkonforma mal-istandard EN 16942:2016+A1:2021.

9.2. It-tikketta “Identifikazzjoni tal-kompatibbiltà tal-vetturi u tal-infrastrutturi - Espressjoni grafika għall-informazzjoni għall-konsumatur dwar il-provvista tal-enerġija għall- EV” għandha tikkonforma mal-istandard EN 17186.

9.3. Il-metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet unitarji għall-fjuwils alternattivi stabbilita bir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/732.

ANNESS III

Rekwiżiti ta' rapportar dwar il-varar tal-vetturi elettriċi u l-infrastruttura tal-irriċarġjar

1. L-Istati Membri jridu jikkategorizzaw ir-rapportar tagħhom dwar il-varar tal-vetturi elettriċi kif ġej:

   – vetturi elettriċi bil-batterija, separatament għall-kategoriji M1, N1, M2/3 u N2/3

   – vetturi elettriċi ibridi rikarikabbli, separatament għall-kategoriji M1, N1, M2/3 u N2/3

2. L-Istati Membri jridu jikkategorizzaw ir-rapportar tagħhom dwar il-varar tal-punti tal-irriċarġjar kif ġej:

Kategorija	**Subkategorija**	**Output tal-potenza massima**	**Definizzjoni skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament**
Kategorija 1 (AC)	Punt tal-irriċarġjar AC bil-mod, fażi waħda	P < 7.4 kW	Punt tal-irriċarġjar b'potenza normali
	Punt tal-irriċarġjar AC b'veloċità medja, trifaża	7.4 kW ≤ P ≤ 22 kW	
	Punt tal-irriċarġjar veloċi tal-AC, trifaża	P > 22 kW	Punt tal-irriċarġjar b'potenza għolja
Kategorija 2 (DC)	Punt tal-irriċarġjar DC bil-mod	P < 50 kW	
	Punt tal-irriċarġjar DC veloċi	50 kW ≤ P < 150 kW	
	Livell 1 - Punt tal-irriċarġjar DC ultraveloċi	150 kW ≤ P < 350 kW	
	Livell 2 - Punt tal-irriċarġjar DC ultraveloċi	P ≥ 350 kW	

3. Id-*data* li ġejja trid tiġi pprovduta separatament għall-infrastruttura tal-irriċarġjar iddedikata għall-vetturi ħfief u għall-vetturi tqal:

   – l-għadd ta' punti tal-irriċarġjar, li għandhom jiġu rrappurtati għal kull waħda mill-kategoriji taħt il-punt 2;

   – l-għadd ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar li jsegwu l-istess kategorizzazzjoni bħal dik tal-punt tal-irriċarġjar;

   – l-output tal-potenza aggregata totali tal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar;

   – l-għadd ta' stazzjonijiet li ma jaħdmux f'50 % tal-jiem disponibbli f'sena partikolari.

ANNESS IV

Tabella ta’ korrelazzjoni

Id-Direttiva 2014/94/UE	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2(1)	Artikolu 2(3)
Artikolu 2	Artikolu 2
-	Artikolu 3
-	Artikolu 4
Artikolu 4	Artikolu 5
-	Artikolu 6
-	Artikolu 7
Artikolu 6(4)	Artikolu 8
-	Artikolu 9
-	Artikolu 10
Artikolu 6(1)	Artikolu 11
-	Artikolu 12
Artikolu 3	Artikolu 13
Artikolu 10	Artikoli 14, 15, 16
Artikolu 7	Artikolu 17
	Artikolu 18
	Artikolu 19
Artikolu 8	Artikolu 20
Artikolu 9	Artikolu 21
	Artikolu 22
Artikolu 11	Artikolu 23
_	Artikolu 24
Artikolu 12	Artikolu 25

Artikolu 13	